# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/2215

## tat-30 ta' Novembru 2015

## b'appoġġ għall-UNSCR 2235 (2015), li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' investigazzjoni konġunt bejn l-OPCW u n-NU sabiex jiġu identifikati l-awturi ta' attakki kimiċi fir-Repubblika Għarbija Sirjana

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(2) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Awwissu 2015, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta unanimament ir-Riżoluzzjoni (UNSCR) 2235 (2015), li tikkundanna kwalunkwe użu ta' kimiċi tossiċi, bħall-kloru, bħala arma kimika fir-Repubblika Għarbija Sirjana u li tesprimi d-determinazzjoni tiegħu li jidentifika lil dawk responsabbli għal tali atti. Għal dan l-għan, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU stabbilixxa, għal perijodu ta' sena, bil-possibbiltà ta' estensjoni futura jekk jidhirlu li dan ikun meħtieġ, mekkaniżmu ta' investigazzjoni konġunt (MIK) biex jiġu identifikati, sal-aktar punt fattibbli, individwi, entitajiet, gruppi jew gvernijiet li kienu l-awturi, l-organizzaturi, l-isponsors jew b'xi mod ieħor involuti fl-użu ta' kimiċi, inkluż il-kloru jew kwalunkwe kimika tossika oħra, bħala armi fir-Repubblika Għarbija Sirjana, f'każijiet fejn il-missjoni ta' tiftix tal-fatti (FFM, *fact-finding mission*) tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) tiddetermina jew tkun iddeterminat li inċident speċifiku fir-Repubblika Għarbija Sirjana involva jew x'aktarx involva l-użu ta' kimiċi, inkluż il-kloru jew kwalunkwe kimika tossika oħra, bħala armi.

(2) Fl-10 ta' Settembru 2015, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU awtorizza r-rakkomandazzjonijiet, inklużi elementi ta' termini ta' referenza dwar il-MIK bejn l-OPCW u n-NU stabbilit mill-UNSCR 2235 (2015), ippreżentati mis-Segretarju Ġenerali tan-NU fl-ittri tiegħu lill-President tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tas-27 ta' Awwissu 2015 u tad-9 ta' Settembru 2015.

(3) L-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (l-'Istrateġija') tissottolinja r-rwol kruċjali tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom (CWC) u tal-OPCW fil-ħolqien ta' dinja ħielsa mill-armi kimiċi.

(4) L-Unjoni qed timplimenta l-Istrateġija b'mod attiv u qed timplimenta l-miżuri elenkati fil-Kapitolu III tagħha, b'mod partikolari billi tipprovdi riżorsi finanzjarji għall-appoġġ ta' proġetti speċifiċi mwettqa minn istituzzjonijiet multilaterali, bħall-OPCW. Għaldaqstant, fid-9 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/726/PESK [1] b'appoġġ għall-attivitajiet tal-OPCW fil-qafas ta' UNSCR 2118 (2013), id-Deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW tas-27 ta' Settembru 2013 dwar il-qerda tal-armi kimiċi Sirjani u deċiżjonijiet u riżoluzzjonijiet sussegwenti u relatati. Barra minn hekk, fis-17 ta' Frar 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/259 [2] b'appoġġ għall-attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija.

(5) Fit-23 ta' Settembru 2015, id-Direttur Ġenerali tal-OPCW indirizza ittra lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ('ir-Rappreżentant Għoli') fejn intalbet kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal fond fiduċjarju għal missjonijiet tal-OPCW fir-Repubblika Għarbija Sirjana, inklużi attivitajiet relatati mal-FFM tal-OPCW, b'appoġġ għall-MIK, li janalizzaw allegazzjonijiet tal-użu ta' kimiċi, inkluż il-kloru jew kwalunkwe kimika tossika oħra, bħala armi.

(6) Fl-24 ta' Settembru 2015, il-Kap tal-MIK bejn l-OPCW u n-NU indirizza ittra lir-Rappreżentant Għoli fejn talab appoġġ finanzjarju għall-MIK permezz ta' fond fiduċjarju.

(7) Konsegwentement għall-adeżjoni tar-Repubblika Għarbija Sirjana mal-CWC, b'effett mill-14 ta' Ottubru 2013, l-OPCW hija responsabbli li tivverifika l-konformità tar-Repubblika Għarbija Sirjana mas-CWC u t-termini ta' kwalunkwe Deċiżjoni rilevanti tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW u li tirrapporta, f'koordinazzjoni mas-Segretarju Ġenerali tan-NU, kif meħtieġ, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar nuqqas ta' konformità mal-UNSCR 2118 (2013).

(1) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/726/PESK tad-9 ta' Diċembru 2013 b'appoġġ għal UNSCR 2118 (2013) u l-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/Dec 1, fil-qafas tal- implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 329, 10.12.2013, p. 41).

(2) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/259 tas-17 ta' Frar 2015 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 43, 18.2.2015, p. 14).

(8) L-implimentazzjoni teknika ta' din id-Deċiżjoni għandha tkun fdata lill-OPCW u l-Uffiċċju tan-NU għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA) bħala l-uffiċċju ta' implimentazzjoni tal-fond fiduċjarju tal-MIK. Il-proġetti appoġġati mill-Unjoni jistgħu jiġu ffinanzjati biss permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji lill-fondi fiduċjarji rispettivi tal-OPCW u tal-MIK. Dawn il-kontribuzzjonijiet li ser jiġu pprovduti mill-Unjoni ser ikunu strumentali biex l-OPCW u l-MIK ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti stabbiliti f'UNSCR 2235 (2015).

(9) Is-superviżjoni tal-implimentazzjoni korretta tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun fdata lill-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Sabiex ikunu implimentati ċerti elementi tal-Istrateġija, l-Unjoni għandha tappoġġa lill-OPCW u l-MIK billi tikkontribwixxi għal spejjeż assoċjati mal-attivitajiet tagħhom taħt l-UNSCR 2235 (2015), bl-objettiv ġenerali li ġej: l-identifikazzjoni sal-aktar punt fattibbli ta' individwi, entitajiet, gruppi jew gvernijiet li kienu l-awturi, l-organizzaturi, l-isponsors jew b'xi mod ieħor involuti fl-użu ta' kimiċi, inkluż il-kloru jew kwalunkwe kimika tossika oħra, bħala armi fir-Repubblika Għarbija Sirjana, fejn l-FFM tal-OPCW tiddetermina jew tkun iddeterminat li inċident speċifiku fir-Repubblika Għarbija Sirjana involva jew x'aktarx involva l-użu ta' kimiċi, inkluż il-kloru jew kwalunkwe kimika tossika oħra, bħala armi.

2. Sabiex jintlaħaq l-objettiv imsemmi fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha tappoġġa l-proġetti li ġejjin:

(a) missjonijiet speċjali tal-OPCW fir-Repubblika Għarbija Sirjana, inklużi attivitajiet relatati mal-FFM tal-OPCW b'appoġġ għall-MIK, li janalizzaw allegazzjonijiet ta' użu ta' kimiċi, inkluż il-kloru jew kwalunkwe kimika tossika oħra, bħala armi;

(b) MIK bejn l-OPCW u n-NU, inkluż l-istabbiliment tiegħu u l-kapaċità li jibda jopera b'mod sħiħ skont UNSCR 2235 (2015).

Deskrizzjoni dettaljata ta' dawn il-proġetti tinsab fl-Anness.

*Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha tkun fdata lill-OPCW u l-UNODA bħala l-uffiċċju ta' implimentazzjoni tal-fond fiduċjarju tal-MIK. Huma għandhom iwettqu dan il-kompitu taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dan il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-OPCW u l-UNODA.

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġetti msemmijin fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 4 586 096.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun amministrat f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tal-infiq imsemmi fil-paragrafu 1. Għal dan il-għan, hija għandha tikkonkludi ftehimiet ta' finanzjament mal-OPCW u l-UNODA bħala l-uffiċċju ta' implimentazzjoni tal-fond fiduċjarju tal-MIK, rispettivament. Il-ftehimiet ta' finanzjament għandhom jistipulaw li l-OPCW u n-NU għandhom jiżguraw il-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, b'mod adatt skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehimiet ta' finanzjament imsemmija fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni ta' dawk il-ftehimiet ta' finanzjament.

*Artikolu 4*

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari mħejjijin mill-OPCW u l-MIK bejn l-OPCW u n-NU. Dawk ir-rapporti għandhom ikunu l-bażi ta' evalwazzjoni mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Kunsill b'informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Hija għandha tiskadi 18-il xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet ta' finanzjament bejn il-Kummissjoni u l-OPCW u l-UNODA imsemmija fl-Artikolu 3(3), jew għandha tiskadi fil-31 ta' Mejju 2016 jekk ma jkun ġie konkluż l-ebda ftehim ta' finanzjament bħal dan qabel dik id-data.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

É. SCHNEIDER

*ANNESS*

**Appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-UNSCR 2235 (2015) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva**

1. **Qafas ġenerali u objettivi**

F'April 2014, fil-quċċata tal-operazzjoni għat-tneħħija u l-qerda tal-armi kimiċi tas-Sirja, saru għadd ta' allegazzjonijiet serji rigward l-użu tal-kloru bħala arma kontra l-popolazzjoni ċivili. Id-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) stabbilixxa missjoni ta' tiftix tal-fatti (FFM) tal-OPCW biex tinvestiga dawn l-allegazzjonijiet. Id-deċiżjoni tiegħu kienet appoġġata mill-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW u s-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) wiegħed l-assistenza tiegħu.

F'Mejju 2014 tim magħmul minn persunal tal-OPCW u tan-NU għamel tentattiv biex iwettaq investigazzjoni fuq il-post f'wieħed mill-villaġġi li allegatament kien attakkat bil-kloru. Waqt li kien qed jaqsam żona ta' lqugħ bejn iż-żoni kkontrollati mill-gvern Sirjan u dawk ikkontrollati mill-oppożizzjoni, it-tim sab ruħu taħt attakk armat u kellu jwaqqaf il-missjoni. Il-FFM madankollu kompliet il-ħidma tagħha, intervistat xhieda u tobba li jagħtu l-kura, dawk li jagħtu l-ewwel rispons u vittmi f'post sikur barra mis-Sirja. Abbażi ta' din il-ħidma, il-FFM ikkonkludiet b'livell għoli ta' kunfidenza li l-kloru, kemm pur jew f'taħlita, kien fil-fatt intuża bħala arma fi tliet villaġġi fit-Tramuntana tas-Sirja.

Fid-Deċiżjoni tiegħu EC-M-48/DEC.1 adottata fl-4 ta' Frar 2015, il-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW esprima tħassib serju dwar is-sejbiet tal-FFM u afferma mill-ġdid il-kundanna tiegħu, bl-aktar mod qawwi possibbli, l-użu ta' armi kimiċi minn kwalunkwe persuna taħt kwalunkwe ċirkostanza. Il-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW esprima appoġġ ukoll għall-kontinwazzjoni tal-ħidma tal-FFM b'mod partikolari bl-istudju tal-informazzjoni kollha disponibbli relatata ma' allegazzjonijiet dwar l-użu tal-armi kimiċi fis-Sirja, inklużi dawk provduti mir-Repubblika Għarbija Sirjana kif ukoll minn oħrajn. Din kienet segwita mill-adozzjoni fis-6 ta' Marzu 2015 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (UNSCR) 2209 (2015) li fiha l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU approva d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW u appella biex dawk responsabbli għal dawn l-attakki jwieġbu għal għemilhom.

B'segwitu ta' dik ir-Riżoluzzjoni, fis-7 ta' Awwissu 2015, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta unanimament l-UNSCR 2235 (2015), li tikkundanna kwalunkwe użu ta' kimiċi tossiċi, bħalma huwa l-kloru, bħala arma kimika fir-Repubblika Għarbija Sirjana u esprima d-determinazzjoni tiegħu li jidentifika lil dawk responsabbli għal tali atti. F'dan ir-rigward, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fakkar il-Protokoll għall-Projbizzjoni tal-Użu fil-Gwerra ta' Gassijiet Asfissjanti, Velenużi jew Gassijiet Oħra, u ta' Mezzi Batterjoloġiċi; il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom (CWC); u l-UNSCR 1540 (2004), l-UNSCR 2118 (2013) u l-UNSCR 2209 (2015). Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU stabbilixxa għal perijodu ta' sena, bil-possibbiltà ta' estensjoni futura jekk jidhirlu li dan huwa meħtieġ, mekkaniżmu ta' investigazzjoni konġunt (MIK) bejn l-OPCW u n-NU biex jiġi identifikat sal-aktar punt fattibbli individwi, entitajiet, gruppi jew gvernijiet li kienu l-awturi, l-organizzaturi, l-isponsors jew b'xi mod ieħor involuti fl-użu ta' kimiċi, inkluż il-kloru jew kwalunkwe kimika tossika oħra, bħala armi fir-Repubblika Għarbija Sirjana, fejn il-FFM tal-OPCW tiddetermina jew tkun iddeterminat li inċident speċifiku fir-Repubblika Għarbija Sirjana involva jew x'aktarx involva l-użu ta' kimiċi, inkluż il-kloru jew kwalunkwe kimika tossika oħra, bħala armi. Dak il-mekkaniżmu attwalment qed jiġi stabbilit.

Għal dan il-għan, l-Unjoni għandha tappoġġa lill-OPCW u l-MIK fil-kompiti rispettivi tagħhom taħt l-UNSCR 2235 (2015) u d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-48/DEC.1, kif ukoll is-CWC.

2. **Deskrizzjoni tal-Proġetti**

A. Proġett 1: FFMs tal-OPCW

1. Għan tal-Proġett

Li tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-FFM tal-OPCW, kemm taħt l-UNSCR 2235 (2015) u d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-48/DEC.1, kif ukoll taħt is-CWC, billi jiġu koperti l-ispejjeż operazzjonali relatati tal-FFM. Dawk l-ispejjeż jinkludu r-reklutaġġ ta' konsulenti esterni b'ħiliet speċifiċi (eż. interpreti u tobba), kif ukoll l-apparat tal-OPCW meħtieġ mit-tim tal-FFM.

2. Riżultati mistennija

Il-ħidma attwalment għaddejja tal-FFM ser titfa' dawl fuq għadd ta' allegazzjonijiet ta' użu ta' kimiċi tossiċi fir-Repubblika Għarbija Sirjana, u għandha tikkoopera mill-qrib mal-MIK u b'hekk tikkontribwixxi għat-twettiq tal-mandat tal-MIK taħt il-paragrafu 5 ta' UNSCR 2235 (2015).

3. Deskrizzjoni tal-proġett

Il-FFM għandha tkompli tivvaluta jekk l-inċidenti allegati fir-Repubblika Għarbija Sirjana involvew jew x'aktarx involvew l-użu ta' kimiċi bħala armi. L-attivitajiet tal-FFM ikopru allegazzjonijiet kemm ta' inċidenti fil-passat kif ukoll ta' inċidenti li jistgħu allegatament iseħħu fil-futur. Il-kumplessità ta' dawn l-attivitajiet x'aktarx li tvarja b'mod konsiderevoli; għalhekk in-numru eżatt ta' skjeramenti ma jistax jiġi determinat b'mod preċiż.

Abbażi tal-esperjenza ta' skjeramenti fl-2015, l-OPCW qed tistenna li fl-2016 l-operazzjonijiet tal-FFM jistgħu jinvolvu l-iskjerament ta' bejn 6 sa 12-il ispettur fuq sitt missjonijiet, li t-tul ta' żmien ta' kull wieħed minnhom ikun madwar tliet ġimgħat. X'aktarx li kull missjoni ser tinkludi r-reklutaġġ ta' konsulenti esterni b'ħiliet speċifiċi bħal interpreti u tobba.

L-attivitajiet li ġejjin huma ppjanati bħala parti mill-FFM:

(a) Intervisti: in-natura tal-inċidenti allegati tista' twassal għall-ħtieġa li jiġu intervistati varjetà kbira ta' xhieda. Dawn jinkludu:

— persunal mediku

— dawk li jagħtu l-ewwel rispons

— tobba li jagħtu l-kura

— vittmi

— xhieda oħra.

Fil-fatt, it-timijiet tal-intervisti jeħtieġ li jkollhom għarfien pluridimensjonali inkluż fl-armamenti, fil-kimiċi, fis-sinjali u s-sintomi mediċi, kif ukoll fl-interpretazzjoni.

(b) Eżamijiet mediċi u t-teħid ta' kampjuni bijomediċi.

(c) Identifikazzjoni tal-kampjun, il-ġbir u l-analiżi.

(d) Immaniġġjar ta' evidenza, inklużi sorsi miftuħa kif ukoll oġġetti provduti minn xhieda u partijiet terzi. Minbarra dak tat-timijiet tal-intervisti, għarfien pluridimensjonali huwa wkoll meħtieġ b'mod partikolari f'dan il-qasam.

(e) Kitba ta' rapporti.

(f) Taħriġ, inkluż taħriġ ta' aġġornament sabiex iżommu ruħhom aġġornati ma' prattiki moderni:

— approċċi ta' sikurezza u sigurtà fil-qasam,

— tekniki tal-intervista,

— immaniġġjar u ħażna ta' evidenza, inkluża l-katina tal-kustodja,

— konsapevolezza tal-fdalijiet esplożivi tal-gwerra,

— kors ta' taħriġ dwar kimiċi tossiċi,

— konsapevolezza forensika,

— kimika industrijali bażika u tfassil ta' profil kimiku.

(g) Valutazzjoni tas-sit u sfruttament tax-xena.

(h) Persunal ta' appoġġ għall-missjoni u għarfien, b'mod partikolari għal missjonijiet kumplessi.

B. Proġett 2: MIK bejn l-OPCW u n-NU

1. Għan tal-proġett

Li jiġi appoġġat l-istabbiliment rapidu tal-MIK u l-kapaċità tiegħu li jibda jopera b'mod sħiħ skont UNSCR 2235 (2015).

2. Riżultati mistennija

L-identifikazzjoni sal-aktar punt fattibbli ta' individwi, entitajiet, gruppi jew gvernijiet li kienu l-awturi, l-organizzaturi, l-isponsors jew b'xi mod ieħor involuti fl-użu ta' kimiċi, inkluż il-kloru jew kwalunkwe kimika tossika oħra, bħala armi fir-Repubblika Għarbija Sirjana.

3. Deskrizzjoni tal-proġett

Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU approva r-rakkomandazzjonijiet tas-Segretarju Ġenerali tan-NU rigward l-istabbiliment u l-operazzjoni tal-MIK u talab li s-Segretarju Ġenerali tan-NU, f'koordinazzjoni mad-Direttur Ġenerali tal-OPCW, iwettaq mingħajr dewmien il-passi, miżuri, u l-arranġamenti meħtieġa għall-istabbiliment rapidu u l-funzjonament sħiħ tal-MIK, inkluż ir-reklutaġġ ta' persunal imparzjali u ta' esperjenza li għandhom ħiliet u għarfien rilevanti biex jimplimentaw b'mod sħiħ ir-responsabbiltajiet skont UNSCR 2235 (2015).

Il-MIK għandu jitmexxa minn bord indipendenti ta' tliet membri (il-"Bord ta' Tmexxija") li jiġi appoġġat minn persunal ċentrali ta' professjonisti miġbura fi tliet komponenti. F'dan ir-rigward, il-MIK għandu jkun immexxi minn Assistent-Segretarju-Ġenerali bir-responsabbiltà globali u żewġ Deputati responsabbli għall-komponenti politiċi u ta' investigazzjoni, rispettivament.

It-tmexxija tal-MIK għandha tkun appoġġata minn tliet komponenti. Uffiċċju Politiku, li ser ikun ibbażat fi New York, għandu jipprovdi analiżi politika, pariri legali, relazzjonijiet mal-mezzi tal-informazzjoni u appoġġ amministrattiv. Uffiċċju tal-Investigazzjoni, li ser ikun ibbażat fl-Aja, għandu jipprovdi analiżi kimika u medika, il-forensika, analiżi tal-ordinanza militari, l-investigazzjoni u l-analiżi tal-informazzjoni. Uffiċċju ta' Appoġġ Operazzjonali, li ser ikun ibbażat fi New York, għandu jipprovdi appoġġ għall-komponenti politiċi u ta' investigazzjoni.

Il-persunal ċentrali tal-MIK, bl-eċċezzjoni ta' dawk b'funzjoni amministrattiva, għandhom jiġu ffinanzjati mill-baġit regolari. Il-Kunsill tas-Sigurtà ddeċieda li materjal u ħtiġijiet tekniċi għandhom jiġu ffinanzjati minn kontribuzzjonijiet volontarji. Għal dak il-għan, is-Segretarju-Ġenerali tan-NU stabbilixxa fond fiduċjarju, li għandu jiġi amministrat f'konformità mar-regolamenti amministrattivi u finanzjarji tan-NU.

F'konformità mal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva, li tistabbilixxi l-objettiv tal-promozzjoni tar-rwol tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u t-tisħiħ tal-għarfien tiegħu biex jiffaċċa l-isfidi tal-proliferazzjoni, l-Unjoni għandha tappoġġa l-implimentazzjoni ta' UNSCR 2235 (2015), b'mod partikolari f'dawk l-oqsma li għandhom potenzjal għoli għal impatt viżibbli u rapidu fl-istabbiliment tal-MIK u l-kapaċità tiegħu li jibda jopera b'mod sħiħ.

Dawn jinkludu appoġġ għall-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-finalizzazzjoni tat-twaqqif ta' uffiċċji kemm fi New York u fl-Aja u għall-Bord ta' Tmexxija u l-Uffiċċji Politiċi u ta' Investigazzjoni tiegħu, rispettivament, kif ukoll l-Uffiċċju ta' Appoġġ Operazzjonali u x-xiri ta' għamara tal-uffiċċju u armarji li jissakkru biex tiġi żgurata l-ħażna sigura ta' informazzjoni u materjali riċevuti u/jew iġġenerati mill-MIK;

(b) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni ta' rekords fi ħdan reġim robust tas-sigurtà tal-informazzjoni li għandha tiġi applikata għall-informazzjoni kollha miksuba jew iġġenerata mill-MIK fit-twettiq tal-ħidma tiegħu; dan ir-reġim għandu jieħu kont tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u tas-sigurtà meqjusa neċessarji għall-ħażna u l-użu tal-informazzjoni u materjali riċevuti u/jew iġġenerati mill-MIK;

(c) it-tħejjija ta' skjerament possibbli tal-investigaturi tal-MIK lejn ir-Repubblika Għarbija Sirjana jekk dan jitqies bħala rilevanti mill-MIK għall-investigazzjoni tiegħu u fejn huwa jiddeċiedi li hemm raġunijiet raġonevoli biex jitqies ġustifikat l-aċċess għas-Sirja, inkluż f'żoni fi ħdan it-territorju Sirjan iżda barra mill-kontroll tar-Repubblika Għarbija Sirjana;

(d) ix-xiri ta' tagħmir tal-komunikazzjoni u dak relatat mas-sigurtà, u provvisti għall-uffiċċji biex jiġi appoġġat il-MIK fl-implimentazzjoni tal-mandat tiegħu. Dawn għandhom jinkludu apparat tal-IT (server dedikat, kompjuters, laptops bi stazzjonijiet għad-dokkjar, sett addizzjonali ta' kompjuters għan-netwerk tal-intranet li mhux imqabbad mal-Internet, magni kummerċjali li jqattgħu l-karti (shredders), eċċ.) li huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tar-reġim tas-sigurtà tal-informazzjoni msemmi fil-punt (b).

L-għarfien u l-attivitajiet addizzjonali għandhom ikunu ffinanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji hekk kif ir-rekwiżiti jibqgħu jitfaċċaw. Għandhom jiġu impjegati għal perijodi qosra konsulenti esperti ad hoc, inkluż għall-iżvilupp rapidu tas-sistema ta' ġestjoni ta' rekords u tar-reġim tas-sigurtà tal-informazzjoni msemmi fil-punt (b), kif ukoll l-iżvilupp ta' proċeduri operattivi standard.

3. **Tul ta' żmien**

Il-perijodu stmat ta' implimentazzjoni għal dawn il-proġetti huwa ta' 12-il xahar.

4. **Aġenzija ta' implimentazzjoni**

L-OPCW ser tiġi fdata bl-implimentazzjoni teknika tal-proġett 1. Dak il-proġett għandu jiġi implimentat mill-persunal tal-OPCW, esperti u kuntratturi.

L-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm f'isem il-MIK bejn l-OPCW u n-NU għandu jiġi fdat bl-implimentazzjoni teknika tal-proġett 2. Dak il-proġett għandu jiġi implimentat mill-persunal tal-MIK, konsulenti, u kuntratturi.

In-NU u l-OPCW ser jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom f'kooperazzjoni mal-isħab rilevanti, inkluż organizzazzjonijiet u aġenziji internazzjonali, sabiex jiżguraw sinerġiji effettivi u jevitaw duplikazzjoni.

5. **Viżibbiltà tal-Unjoni**

L-aġenzija ta' implimentazzjoni għandha tieħu l-miżuri adatti kollha biex tippubbliċizza l-fatt li l-azzjoni hija ffinanzjata mill-Unjoni. Tali miżuri għandhom jiġu implimentati skont il-manwal dwar il-Komunikazzjoni u l-viżibbiltà għal azzjonijiet esterni tal-UE ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea.

6. **Rapportar**

L-aġenziji ta' implimentazzjoni għandhom iħejju:

(a) rapporti regolari dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti kkonċernati; u

(b) rapport finali mhux aktar tard minn 3 xhur wara li jitlestew l-attivitajiet rilevanti

7. **Spiża totali stmata tal-proġetti**

L-ispiża totali stmata tal-proġetti hija ta' EUR 4 586 096.